



C/2024/3926

1.7.2024

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2024 – Microsoft Ireland Operations vs KEPD**

**(Kawża T-265/24)**

(C/2024/3926)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Microsoft Ireland Operations Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: J. Bourgeois u M. Meulenbelt, avukati)

**Konvenut:** Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tat-8 ta' Marzu 2024 adottata wara l-investigazzjoni dwar l-użu ta' Microsoft 365 mill-Kummissjoni Ewropea (Każ 2021-0518) (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni kkontestata”);
- sussidjarjament, tannulla l-punt 592.1 tad-Deċiżjoni kkontestata; u
- tikkundanna lill-KEPD għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' fatt fil-konstatazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' limitazzjoni tal-iskop tar-RĠPD (Artikoli 4(1)(b), 4(3), 6, 9, 26(1), 29(3)(a) u 30 tar-RĠPD).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' fatt fil-konstatazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tar-RĠPD dwar trasferimenti internazzjonali (Artikoli 4(2), 29(3)(a), 46, 47 u 48(1), 48(3)(a)).
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' fatt fil-konstatazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tar-RĠPD dwar żvelar mhux awtorizzat (Artikoli 4(1)(f), 29(3)(a), 33(1) u (2), 36, 49).
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-KEPD għamel żball ta' liġi billi impona miżuri korrettivi sproporzjonati bbażati fuq preżunzjonijiet infondati ta' ksur tar-RĠPD, u qabel ma tlestew il-passi meħtieġa għall-verifika tal-preżunzjonijiet tiegħu u għall-ewalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri korrettivi proposti tiegħu.